

Brussell, 6 ta' Marzu 2015
(OR. en)

6543/15

CO EUR-PREP 10
POLGEN 27
ENV 79
ENER 43
MI 110
RECH 33
COMPET 61
IND 24
ECOFIN 133
SOC 101
EDUC 39
TELECOM 52
JAI 109
EMPL 49

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2015 - Pjan Direzzjonali Aġġornat

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-pjan direzzjonali msemmi hawn fuq kif ippreżentat mill-Presidenza.

Dan il-pjan direzzjonali huwa verżjoni riveduta tal-pjan direzzjonali li ppreżentat il-Presidenza Latvjana li jmiss lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali ta' Diċembru 2014, dwar is-Semestru Ewropew 2015 u r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-istrateġija Ewropa 2020. Il-Presidenza ddeċidiet li taġġorna l-pjan direzzjonali wara d-deċiżjoni, mill-Kummissjoni, li tiġi posposta r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 u pposponiet l-preżentazzjoni ta' dokumenti ewlenin oħrajn.

Il-pjan direzzjonali aġġornat għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-konfigurazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill, u l-korpi preparatorji tagħhom, ikomplu jaħdmu b'mod ikkoordinat u konsistenti u l-Kunsill Affarijiet Ġenerali u l-COREPER ikomplu jissorveljaw il-proċess.

Il-pjan direzzjonali huwa maqsum f'żewġ fażijiet: l-ewwel fażi sal-Kunsill Ewropew ta' Marzu, u t-tieni fażi għall-perijodu bejn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew f'Marzu u Ġunju 2015. Fl-ewwel fażi, il-Presidenza kellha diskussjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir 2015 fil-laqgħat tal-ECOFIN, EPSCO, il-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kompetittività, l-Enerġija, it-Trasport u l-Ambjent¹ fi Frar sa Marzu 2015. Dawn id-dibattiti taw attenzjoni lill-inizjattivi ta' politika usa' bħall-Pjan ta' investiment għall-Ewropa, l-Unjoni tal-Enerġija u l-Istrateġija futura tas-Suq Uniku Diġitali u l-Istrateġija tas-Suq Intern għall-oġġetti u s-servizzi. L-involviment propost tal-Kunsill wara l-Kunsill Ewropew ta' Marzu jiffoka fuq l-eżami u l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), wara l-prattika u l-lezzjonijiet miksuba minn ċikli preċedenti tas-Semestru Ewropew.

¹ Il-konfigurazzjoni tat-Telekomunikazzjoni tat-kontribut bil-miktub.

Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu

pm. 28 ta' Novembru 2014: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2015

- Adozzjoni, mill-Kummissjoni, tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015, flimkien mal-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija

pm. 1-15 ta' Diċembru 2014: Laqgħat bilaterali Kummissjoni - Stati Membri

- Sitwazzjoni attwali rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

pm. 9 ta' Diċembru 2014: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Skambju ta' fehmiet dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020
- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija: preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet

pm. 11 ta' Diċembru 2014: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015, l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija: preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet

pm. 16 ta' Diċembru 2014: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015: preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Preżentazzjoni, mill-Presidenza li jmiss, tal-pjan direzzjonali 2015 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew
- Rieżami ta' nofs it-term ta' Ewropa 2020: Rapport ta' sintesi tad-diskussjonijiet tal-Kunsill
- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru: abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew

pm. 18-19 ta' Diċembru 2014: KUNSILL EWROPEW

- Rapport ta' sintesi mill-Presidenza tad-dibattiti tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term ta' Ewropa 2020

2-3 ta' Frar 2015: Ġimgħa parlamentari fil-qafas tas-Semestru Ewropew

- Dibattiti bejn il-membri tal-komitati rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

pm. 10 ta' Frar 2015: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu: abbozz ta' aġenda annotata

pm. 17 ta' Frar 2015: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 u Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija: Konklużjonijiet tal-Kunsill

pm. 26 ta' Frar 2015:

- Pubblikazzjoni tal-analiżi speċifika għall-pajjiż (rapporti tal-pajjiżi) mill-Kummissjoni, inkluż, fejn rilevanti, ir-Reviżjonijiet fil-fond tal-MIP

pm. 2 ta' Marzu 2015

- Pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija Ewropa 2020, akkumpanjata minn rapport aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija.
- Adozzjoni, mill-Kummissjoni, ta' proposti għal linji gwida dwar l-Impjiegi u Linji Gwida Ġenerali għall-Politiki Ekonomiċi

pm. 2-3 ta' Marzu 2015: Kunsill Kompetittività

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015: skambji ta' fehmiet dwar is-Suq Intern, il-Kompetittività industrijali, u aspetti tar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Futura tas-Suq Uniku tal-UE.

pm. 5 ta' Marzu 2015: Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (Enerġija)

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 u l-politika tal-enerġija: Diskussjonijiet dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija, b'referenza fost l-oħrajn għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015

pm. 6 ta' Marzu 2015: Kunsill Ambjent

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015: skambju ta' fehmiet, dwar l-ekologilizzazzjoni tas-Semestru Ewropew, b'attenzjoni fuq il-potenzjal tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-ICT għall-ekonomija ekoloġika

pm. sa kmieni f'Marzu 2015:

- Approvazzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-2015 mill-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS

9 ta' Marzu 2015: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015: Skambju ta' fehmiet u konklużjonijiet tal-Kunsill (inkluż dwar aspetti tas-saħħa tal-SAT tal-2015)
- Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi: adozzjoni
- Rapport tal-KPS dwar is-sitwazzjoni soċjali fl-UE: Approvazzjoni tal-messaġġi ewlenin
- Rapporti tal-pajjiżi: preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Linji Gwida dwar l-Impjiegi: preżentazzjoni mill-Kummissjoni

10 ta' Marzu 2015: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew: Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

11 ta' Marzu 2015: Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew

- Dibattitu kongunt dwar is-Semestru Ewropew 2015

13 ta' Marzu 2015: Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (Trasport)

- Kontribut għall-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi tal-UE permezz tal-iżviluppi fil-politika tat-trasport: skambju ta' fehmiet

Marzu sa Mejju:

- Ħidma ta' tħejjija tal-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS dwar ir-rapporti tal-pajjiżi, inkluż, fejn rilevanti, Reviżjonijiet fil-fond tal-MIP

17 ta' Marzu 2015: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu:
 - Abbozz ta' konklużjonijiet
 - Rapport ta' Sinteżi dwar il-kontributi tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2015²
 - Pjan direzzjonali aġġornat dwar is-Semestru Ewropew 2015

19-20 ta' Marzu 2015: KUNSILL EWROPEW

- Skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika
- Gwida lill-Istati Membri dwar il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u l-Programmi ta' Riforma Nazzjonali 2015 tagħhom

² Inklużi aspetti tat-telekomunikazzjoni, abbażi ta' kontributi bil-miktub mid-delegazzjonijiet

Thejjiġa għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju

Marzu - April 2015: Laqgħat bilaterali Kummissjoni - Stati Membri

- Sitwazzjoni attwali
- Kwistjonijiet pendenti speċifiċi għall-pajjiżi

nofs April 2015:

- Wara l-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza

12 ta' Mejju 2015: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP) - reviżjonijiet approfonditi: Konklużjonijiet tal-Kunsill

19 ta' Mejju 2015: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju: abbozz ta' aġenda annotata

nofs Mejju 2015 [id-data tiddependi miż-żmien tad-dokumenti nazzjonali]:

- Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposti tagħha għall-Opinjonijiet tal-pajjiżi u r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSR)
- Immedjatament wara l-pubblikazzjoni tas-CSR, ser jiġu kkonfermati t-tqassim tax-xogħol u l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn il-kumitati kif ukoll il-metodi għall-konsolidazzjoni tal-fehmiet tal-kumitati

18-19 ta' Mejju 2015: Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport

- Reviżjoni ta' nofs it-term dwar il-Qafas strateġiku "Edukazzjoni u Taħriġ 2020": dibattitu ta' orjentazzjoni

L-aħħar ta' Mejju - bidu ta' Ġunju:

- Ħidma preparatorja tal-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS dwar ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi³

³ B'kontributi mill-Kumitat tal-Edukazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika (livell għoli)

18 ta' Ġunju 2015: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- (Poss.) Linji gwida dwar l-Impjiegi: Approċċ ġenerali
- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2015 dwar il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali tal-Istati Membri u abbozz ta' nota ta' spjegazzjoni
- Approvazzjoni tal-Opinjonijiet tal-EMCO u l-SPC dwar il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tal-2015 u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2014
- Approvazzjoni tal-Osservatur tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi u punti ta' riferiment
- Valutazzjoni tal-Pakkett tas-CSR tal-2015 dwar kwistjonijiet trasversali: Rapport tal-SPC

(Poss.) 19 ta' Ġunju 2015: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (Saħħa)

- (Poss.) Skambju ta' fehmiet dwar l-involvement akbar tas-settur tas-saħħa fis-Semestru Ewropew

19 ta' Ġunju 2015: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2015 u l-Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza aġġornati u abbozz ta' nota ta' spjegazzjoni
- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Linji gwida wesgħin għal-linji ta' politika ekonomiċi tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom
- (Poss.) Implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP)
- (Poss.) Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika

23 ta' Ġunju 2015: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew: (abbozz ta' konklużjonijiet)
- Approvazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għal kull pajjiż u trasmissjoni lill-Kunsill Ewropew

25-26 ta' Ġunju 2015: KUNSILL EWROPEW

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi

14 ta' Lulju 2015: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi